**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 26 t'April 2018**

**Pulizija**

**Spettur James Grech**

**Spettur Robert Vella**

**Vs**

**Claudio Mallia**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Claudio Mallia ta' 34 sena, bin Anthony u Rita nee' Cuschieri, imwieled Pieta' fit-8 t'Ottubru 1981, residenti Bieb A, Flat 7, Triq Sant' Orsla, Valletta u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 557681M;

Talli nhar l-20 t'Awwissu 2015 f'xi hin bejn it-15:30 hrs u s-18:00 hrs gewwa Santa Venera:

1) Ikkommetta serq ta' vettura Renault, numru ta' Registrazzjoni JBD389 liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-ammont ta' €2,329.37 u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta, is-Segretarjat Parlamentari ghall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali u/jew ta' persuna/persuni, entita u/jew entitajiet ohra;

2) Il-Qorti hija gentilment mitluba titratta ma Claudio Mallia bhala recidiv ta' sentenzi li saru definittiva u ma jistghux jigu mibdula u dan ai termini ta' Artikolu 49, 50 u 289 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3) Il-Qorti hija wkoll mitluba tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' tali spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri skond Art 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, fis-26 t'April 2018, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 261(g), 271(g), 279(a), 280(1) u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannah ghal tmintax-il xahar prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**